# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 550/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Spiridione Zammit)

vs

**Omissis**

**Francis Meli**

iben Joseph, imwieled Pieta', fis-16 ta' Gunju, 1970, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 271570(M)

**Omissis**

**Omissis**

Illum, 23 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Francis Meli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fid-9 ta' Awissu 2008 ghall-habta ta' bejn it-8.00p.m. u id-9.00p.m., waqt li kienu fi Triq tal-Borg, Rahal Gdid u fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, sitwat fi Triq Valletta, Rahal Gdid, ghamlu offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tal-prigunier Perry Ingomar Toornstra skont kif iccertifika Dr. Daniel Cauchi MD (Reg. 5124) mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-artikolu 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli, fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bhala ufficjali jew impjegati pubblici jew bhala persuni ohra li kienu qed jagixxu f'kapacita ufficjali, xjentement inflingew fuq persuna ugiegh jew tbatija gravi, sew jekk fizika sew jekk mentali, u dan bi ksur tal-artikolu 139A(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi hebbew ghal Perry Ingomar Toornstra sabiex jingurjawh, iddejjquh jew jaghmlulu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi mbottaw lill-imsemmi Perry Ingomar Toornstra sabiex iweggawh jew jinsulentawh u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Liema reati bhala Ufficcjali Pubblici cioe' Ufficcjali tal-Habs kellhom jissorveljaw biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga taghhom kellhom id-dmir li jimpedixxu;

**Omissis u Francis Meli wahedhom:**

Akkuzati talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, bil-harba tal-ikkundannat Perry Ingomar Toornstra, li saret bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hsieb taghhom bhala persuni li lilhom kienet fdatat il-kustodja, l-ghassa jew transport tieghu u dan bi ksur tal-artikolu 153 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Perry Ingomar Toornstra u tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Dicembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(d), 139A(b), 141, 339(1)(d), 339(1)(e) u 339(1)(l), 153(c) u 42(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil Francis Meli mhux hati bhala awtur tal-imputazzjonijiet li jaqghu taht l-artikoli 214, 216(1)(d) u 139A(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda hatja bhala komplici tar-reati kontemplati fl-istess artikoli, a tenur tal-artikolu 42(e) u bil-kwalifika taht l-artikolu 141 tal-istess Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-assorbiment tar-reati taht l-artikoli 214 u 216(1)(d) bil-kwalifika taht l-artikolu 141 fir-reat taht l-artikolu 139A(b) ghal fini ta' piena. Il-Qorti sabitu hati wkoll tal-imputazzjoni taht l-artikolu 153(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti sabet lill-imputat mhux hati bhala awtur tal-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, pero' hatja bhala komplici tal-istess kontravenzjoni a tenur tal-artikolu 42(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana pero', illi dan reat, ukoll ghal fini ta' piena, qed jigi assorbit fir-reat taht l-artikolu 139A(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati taz-zewg kontravenzjonijiet dedotti skont l-artikoli 339(1)(e) u 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi ma jirrizultawx pruvati u illiberatu minnhom.

Ghalhekk il-Qorti qed tikkundanna lil Francis Meli ghal piena karcerarja effettiva ta' hames snin u tlett xhur.

Inoltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihalls kwart (1/4) tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe elf mitejn u wiehed u sebghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€1271.59) Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sena (1) mil-lum, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-

zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Rat ir-rikors tal-appellant Francis Meli minnu pprezentat fit-12 ta' Dicembru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma l-imsemmija sentenza billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati bhala komplici tar-reati kontemplati fl-artikoli 214, 216(1)(d), 139A(b) bil-kwalifika ta' artikolu 141 u ta' l-artikolu 339(1)(d) u bhala awtur tar-reat kontemplat fl-artikolu 153(c) u fejn ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' hames snin u tlett xhur u tikkonfermaha fil-bqija jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati ma kkunsidratx b'mod korrett il-linji tad-difiza ta' l-esponent u l-konkluzzjonijiet minnha raggunti huma frott ta' evalwazzjoni parzjali ta' l-evidenza.

Illi jibda biex jinghad li s-sottomissjonijiet bhal dawk dwar il-konkluzjonijiet ta' l-espert Dr Mario Scerri gew ikkonsidrati bhala eccezzjonijiet ta' natura preliminari. Effettivament dawn is-sottomissjonijiet ma kienu xejn ta' natura preliminari izda kienu jiffurmaw parti integrali mid-difiza ta' l-esponent. L-argumenti tad-difiza gew spezzettati u eliminati minghajr konsiderazzjoni holistika li tant kienet necessarja f'dan il-kaz. Dan l-ispezzettar wassal sabiex il-Qorti siltet il-konkluzjonijiet gratuwiti ta' l-imsemmi espert mill-preponderanza tal-provi migjuba mill-partijiet u accettat l-istess konkluzjonijiet li kienu totalment distakkati minn dak li fir-realta` rrizulta mill-atti processwali.

Illi fis-sentenza taghha il-Qorti tal-Magistrati rriproduciet is-sebgha u ghoxrin (27) konkluzjoni ta' l-espert Dr Mario Scerri u ma sar ebda accenn serju ghad-difiza ta' l-esponent fir-rigward ta' dan l-espert. Kull ma ghamlet il-Qorti fis-sentenza taghha kien li osservat fl-ewwel lok li l-inkarigu ta' l-espert kien wiehed ampju hafna u fit-tieni lok li l-esponent kellu l-opportunita` li jaghmel il-kontro-ezami ta' l-espert u dan ghazel li ma jaghmlux. Wiehed kien jippretendi iktar konsiderazzjoni da parti tal-Qorti ghas-sottomissjonijiet tad-difiza specjalment meta wiehed jikkonsidra li, kif jirrizulta mill-istess sentenza, il-Qorti ma ghamlet ebda evalwazzjoni tal-

konkluzjonijiet tieghu izda accettatohom hekk kif inhuma.  Jinghad bl-akbar rispett li dan huwa nuqqas serjissimu.

Illi l-gravita` ta' dan in-nuqqas huwa amplifikat mill-fatt li, skont l-istess Qorti, ix-xiehda ta' Toornstra rigward l-episodju fejn huwa gie mwaqqaf mill-ufficjali tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ma hijiex kredibbli.  Il-konkluzjonijiet ta' Dr Mario Scerri huma msejjsa esklussivament fuq dak li qal Toornstra abbinat mal-feriti riskontrati minnu jumejn wara.

Illi, kif inghad, Dr Mario Scerri sema' l-versjoni ta' Perry Ingomar Toornstra u ghamel ezami tal-feriti minnu subiti minhabba l-agir tieghu.  A bazi ta' hekk dan l-espert ikkonkluda li l-lezjonijiet kienu kompatibbli ma' swat.  Ma hemmx ghalfejn tkun xjentist biex tinduna li din hija assunzjoni gratuwita bbazata fuq ezami superficjali u parzjali ta' dak li rrizulta lilu.  Bizzejjed jinghad li fil-konkluzjonijiet tieghu dan l-espert addirittura jazzarda jghid li Toornstra ma offrix rezistenza, fatt kontradett minn kulhadd.  Fis-superficjalita` tal-konkluzjonijiet lanqas ma huwa car jekk il-konkluzjoni ta' kompatibilita` ma' swat hijiex ibbazata fuq il-ksur ta' kustilja jew fuq il-feriti kollha.

Illi Dr Mario Scerri ma jaghmel assolutament ebda kumment fuq il-feriti l-ohra li huma kollha offizi ta' natura hafifa konsistenti principalment fi grif u abrazjonijiet.  Dan l-espert ma deherlux li kellu jghid li dawn l-offizi huma kompatibbli ma' rezistenza ghall-arrest.  Naturalment l-espert ma jaghtix spjegazzjoni ghall-konkluzzjonijiet tieghu izda semplicement jaqbad u jitfaghhom bhallikieku allegazzjonijiet ta' dik ix-xorti ma jimmeritawx elucidazzjoni.

Illi sabiex wiehed jasal ghall-konkluzzjonjiet ta' din ix-xorta, wiehed kien minimament jippretendi li l-espert jiehu konjizzjoni tad-dettalji ta' l-incident.  Sfortunatament l-espert ma kienx edott mill-versjonijiet mhux biss ta' l-esponent u tal-ko-imputati izda wkoll ta' xhieda okulari ohra.  L-espert ma kienx edott min-natura tal-feriti subiti mill-ufficjali li pperikolaw l-inkoluminita` fizika taghhom sabiex Toornstra ma jahrabx.  L-espert ma kienx edott mill-fatt li r-rezistenza ta' Toornstra damet ghaddejja mill-pjazza ta' Rahal Gdid sa gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, inkluz matul il-vjagg qasir fil-vettura.  Kien edott biss mill-versjoni ta' Toornstra inkluz dik li huwa arrenda meta lahaq mieghu l-esponent.  Dan huwa verament hasra

ghaliex jidher li wassal lill-Qorti tal-Magistrati f'evalwazzjoni inkompleta ta' l-evidenza migjuba mill-partijiet.

Illi jinghad bl-akbar rispett li mankanza serja ohra hija n-nuqqas ta' konsiderazzjoni tal-preponderanza tal-provi migjuba kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Kif inghad, l-istess Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza taghha, iddikjarat li l-versjoni ta' Toornstra dwar id-dinamika tar-riarrest tieghu ma kienitx kredibbli. Toornstra gie mgiddeb ukoll minn Carmel Bonnici u Raymond Theuma. Fix-xiehda tieghu fl-inkjesta huwa jghid li Bonnici kellu johrog mis-*central office* sabiex iwaqqaf lill-hames ufficjali li allegatament kienu qieghdin ituh bis-sieq u ipprova iwaqqafohom (vide fol 29). Toornstra jghid ukoll li imbaghad gie Raymond li kaxxkru minn fejn l-ufficjali sabiex iwaqqafhom milli jkomplu jsawwtuh (vide fol 29). Kemm Bonnici kif ukoll Theuma cahdu li fil-mument imsemmi minn Toornstra huwa kien qed jigi msawwat. Anzi Theuma jghid li l-ufficjali ma kienux aggressivi mieghu (vide fol 39). Fil-kontro-ezami ix-xhud qal li kien Toornstra li kien qieghed jirrezisti b'hiltu kollha (vide fol 187). Fil-kontro-ezami tieghu anke Bonnici jispjega li Toornstra beda jirrezistihom u jipprova jwarrabhom biex jidhol fil-kuritur tas-*central hall* (vide fol 233).

Illi ghalhekk Toornstra gie wkoll mgiddeb mill-istess xhieda tal-prosekuzzjoni. Certament dan kien jimmerita xi forma ta' konsiderazzjoni da parti tal-Qorti tal-Magistrati. Il-kredibilita` tax-xhud uniku li allega din l-aggressjoni kienet *a fact in issue* u, nonostante stedina cara da parti tad-difiza sabiex din il-kredibilita` tigi ezaminata b'cirkospezzjoni kbira, dan ma sarx. Ix-xhieda l-ohra kollha jeskludu swat b'mod kategoriku u jitkellmu fuq il-forza li necessarjament kellha tintuza sabiex Toornstra jigi mrazzan. Ghalhekk wiehed kien jippretenda daqsxejn konsiderazzjoni ghal dan il-fattur importanti.

Illi fir-rigward tal-forza li ntuzat, lanqas ma saret referenza ghall-karattru ta' Toornstra. A skans ta' ripetizzjoni inutili qed issir pjena referenza ghax-xiehda tas-Supretendent Abraham Zammit a fol 163 *et seq* ta' l-atti processwali minn fejn jirrizulta li dan kien bniedem indixxiplinat u bla ebda rispett ghal hadd. Is-sensiela aggjaccanti ta' kazijiet elenkati mix-xhud hija prova ta' dan. Huwa wkoll importanti li ssir referenza ghax-xiehda ta' PS 1404 Anthony Cutajar (a fol 297 *et seq*), PC 477 Julian Saliba (a fol 310 *et seq*) u David Scerri (a fol 316 *et seq*). Dawn ix-xhieda

jispjegaw episodju ta’ aggressivita` kbira da parti ta’ Toornstra meta inqabad bid-droga gewwa l-habs. Bizzejjed jinghad li Saliba u Scerri, li huma addestrati f’*riot* u *crowd control*, xehedu li wara dan l-episodju kienu “[d]rained kompletament” u gabhom “zibel”. Scerri anke qal li kellhom juzaw forza kbira biex jikkontrollawh (vide fol 312). Fis-sentenza appellata sar biss accenn fugaci ghal din l-evidenza.

Illi il-forza wzata f’dan il-kaz kienet forza ragjonevoli. Ir-ragjonevolezza ma huwiex kriterju oggettiv imma wiehed soggettiv ghat-tip ta’ rezistenza li jkun qed joffri l-persuna u l-istatura u s-sahha tal-persuna. Ingabu provi dwar il-kwalita` ta’ persuna li kien Toornstra, kemm mill-aspett ta’ rispett lejn l-awtorita` kif ukoll mill-aspett fiziku u ma hemm ebda dubju li dan kien l-iktar klijent difficli li wiehed setgha jkollu. Nonostante r-rezistenza u l-aggressjoni tieghu li damet sejra fuq medda ta’ hin, huwa sofra biss grif, abrazjonijiet u kustilja miksura. Huwa verament sorprendenti kif il-Qorti tal-Magistrati strahet esklussivament fuq konkluzjoni gratuwita ta’ espert li ma kien jaf xejn dwar il-kaz hlief dak li qallu bniedem dikjarat u ppruvat bhala giddieb a skapitu ta’ l-evidenza kollha li turi li l-forza li ntuzat f’dan il-kaz kienet wahda ragjonevoli tenut kont tac-cirkostanzi verament estremi tal-kaz. Huwa f’dan is-sens li l-esponent jissottometti li l-Qorti tal-Magistrati ma kkunsidratx b’mod korrett il-linji tad-difiza tieghu u l-konkluzzjonijiet minnha raggunti fir-rigward tar-reati kontemplati fl-artikoli 214, 216(1)(d), 139A(b), 141 u 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali huma frott ta’ evalwazzjoni parzjali ta’ l-evidenza.

Illi t-tieni aggravju ta’ l-esponent jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, fl-assenza ta’ provi kontrih, il-Qorti tal-Magistrati abbinat il-paragrafu (e) ta’ artikolu 42 tal-Kodici Kriminali mas-subinciz (2) ta’ l-artikolu 467 ta’ l-istess Kodici sabiex timla’ n-nuqqas lampanti ta’ provi fil-konfront ta’ l-esponent.

Illi ma huwiex kontestat li l-awtur tad-daqqa li allegatament wasslet ghall-ksur ta’ kustilja huwa injot. Effettivament Toornstra jghid li l-ufficjali li kienu qieghdin allegatament isawwtuh kienu sitta. Dan ifisser li, anke jekk Toornstra f’din il-parti ghandu jitwemmen, ma giex stabbilit li l-awtur kien wiehed mill-imputati. *Multo magis* ma gie stabbilit li kien l-esponent li ta d-daqqa, haga li l-jichad b’mod kategoriku. Din id-diffikulta` wasslet lill-Qorti tal-Magistrati, bi hsieb

kemmxejn simplicistiku, sabiex tikkonkludi li l-esponent, flimkien mal-ko-imputati, kien komplici ma' l-awtur injot.

Illi l-paragrafu (e) imsemmi jiddisponi li "persuna titqies bhala komplici f'delitt jekk hija":

> *"tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volonta` tieghu sabiex jaghmel delitt, jew weghdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah."*

Illi dan il-paragrafu jikkontempla zewg ipotezijiet u l-esponent ser jirreferi biss ghall-ewwel ipotesi in kwantu ma jidhirx li l-Qorti qed tipprospetta li saret xi weghda li wara l-fatt l-allegat awtur [f'dan il-kaz injot] jigi b'xi mod assistit jew ikkumpensat.

Illi ghalhekk hawnhekk jidher li l-Qorti tal-Magistrati qed tipprospetta xenarju fejn l-esponent xewwex lill-awtur jew sahhah il-volonta` tieghu sabiex jaghmel ir-reati li taghhom gie misjub hati bhala komplici. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li dan l-agir irid jirrizulta mill-provi u ma jistax jigi kongetturat.

Illi huwa tajjeb li jinghad li, a differenza tal-paragrafi (a) sa (d) ta' l-artikolu 42 imsemmi, il-paragrafu (e) gie mizjud fil-Kodici b'emenda li saret bl-Ordinanza VIII ta' l-1909. L-Avukat tal-Kuruna ta' dak iz-zmien kien spjega, fil-Kunsill tal-Gvern, id-differenza bejn dak li hu llum il-paragrafu (b) u l-paragrafu (e) bil-mod segwenti:

> *"These cases are different from what is known as instigation to commit a crime. There is a substantial difference between inducement to commit a crime* [illum paragrafu (b)] *and the incitement or the strenghtening of the resolution of the offender* [illum paragrafu (e)]. *In the case of inducement it is assumed that the idea to commit the crime is the effect of the inducement. In the case of the incitement or the strenghtening of the offender's resolution it is assumed that the idea to commit*

*the crime is already conceived in the offender's mind, but he lacks the courage to carry it into effect, and the somebody else strenghtens his will"*.[1]

Illi ghalhekk, sabiex tirrizulta din il-forma ta' komplicita`, il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-awtur tad-daqqiet ma kellux il-kuragg jikkommetti r-reati addebitati u l-esponent xewwxu jew sahhah il-volonta` tieghu. Dan ma jirrizulta minn imkien u ghalhekk huwa verament sorprendenti kif, f'nuqqas daqshekk lampanti ta' dak li jirrikjedi dan il-paragrafu, il-Qorti tal-Magistrati xorta ghaddiet biex issib lill-esponent hati bhala komplici.

Illi fin-nuqqas ta' prova ta' komplicita` kif appena spjegat, qed jigi sottomess bl-akbar rispett li l-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt issibu hati tar-reati kontemplati fl-artikoli 214, 216(1)(d), 139A(b), 141 u 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali bl-applikazzjoni ta' l-isemmi paragrafu (e) ta' l-artikolu 42 ta' l-istess Kodici.

Illi <u>t-tielet aggravju</u> ta' l-esponent jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt issib htija fir-reat kontemplat fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 139A tal-Kodici Kriminali.

Illi jibda biex jinghad li fis-sentenza appellata il-Qorti tal-Magistrati ma ghamlitx distinzjoni bejn r-reat kontemplat fl-artikoli 214 u 216 u dak kontemplat fl-artikolu 139A. Dawn huma reati distinti u kienu jinnecessitaw ezami indipendenti u mhux ezami simplicistiku bhalma sar. Jinghad simplicistiku ghaliex jidher car li l-konkluzzjonijiet fl-imsemmija sentenza jipprexxindu totalment mir-rizultanzi fattwali u gew msejjsa esklussivament fuq osservazzjoni bla bazi ta' espert li ma kien jaf xejn dwar il-fatti tal-kaz ghajr il-gideb ta' l-allegat vittma.

Illi certament l-estremi tar-reat ta' tortura ma jirrizultawx f'dan il-kaz. Ir-reat kontemplat fl-artikolu 139A tal-Kodici Kriminali, li gie introdott fl-10 ta' Awissu tas-sena 1990 permezz ta' l-Att XXIX ta' dik l-istess sena, huwa riproduzzjoni kwazi *verbatim* tad-definizzjoni ta' "torture"

---

[1] Vide Prof Anthony Mamo, *Notes on Criminal Law*, Vol. I, p. 130.

kif moghtija fl-Artikolu 1 tal-*Convention against Torture and Other Cruel, Inhuman or Degrading Treatment or Punishment* tan-Nazzjonijiet Uniti. L-introduzzjoni ta' din id-disposizzjoni kienet necessitata mill-obbligi internazzjonali ta' Malta. Infatti, konsegwenza ta' din l-emenda, fit-13 ta' Settembru, 1990 Malta kienet f'posizzjoni li taghmel "accession" ghal din il-Konvenzjoni.

Illi bis-sejbien ta' htija fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 139A tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tal-Magistrati qieghda timplika li mhux biss l-esponent kien komplici f'offiza ta' natura volontarja fuq il-persuna tal-prigunier Perry Ingomar Toornstra, izda addirittura kienet komplici fit-tortura tieghu. Issa ma jirrizulta imkien mill-atti li Toornstra gie ittorturat. Fl-aghar ipotesi Toornstra sofra feriti bhala konsegwenza ta' l-agir tieghu, konsegwenza tal-vjolenza u l-ispavalderija tieghu u, fuq kollox, konsegwenzi legittimi fil-parametri ta' dak li kien necessarju biex jitrazzan. It-tortura huwa kuncett kompletament estranju ghac-cirkostanzi tal-kaz u l-Qorti tal-Magistrati fl-ebda parti tas-sentenza ma ggustifikat is-sejbien ta' htija f'dan ir-reat li jgib piena li jirrifletti l-agir ta' tortura kif definit fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni msemmija u riprodott fl-artikolu 139A tal-Kodici Kriminali.

Illi r-raba' aggravju ta' l-esponent jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ma kellhiex issibu hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 153 (paragrafu (c)) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-esponent ma jaqbel xejn li kien hemm imprudenza grossolana da parti tieghu meta Toornstra thalla jiftah it-tieqa tal-hgieg. Dan hija osservazzjoni li certament qed issir *with the benefit of hindsight* ta' l-agir kompletament imprevedibbli ta' l-istess Toornstra. Dak li l-Qorti qieghda tghid hu li fl-eqqel ta' Awissu, meta l-ufficjali tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin jinghataw vettura minghajr arja kondizzjonata, huma ghandhom izommu t-twieqi maghluqa.

Illi di piu`, u dan qed jinghad anke fir-rigward ta' l-osservazzjoni l-ohra tal-Qorti dwar il-fatt li Toornstra ma giex immanettjat, qed jigi sottomess li, nonostante il-karattru pessmu tieghu, ma rrizultax li kellu xi propensita` li jahrab mill-kustodja. Id-diversi reati addebitati fil-konfront tieghu kienu jirrigwardaw droga, glied u *insubordination*. A parti minn hekk Toornstra kien qed

joqrob lejn it-tmien tal-perijodu ta’ inkarcerazzjoni tieghu. Matul it-tlett sieghat li kienu qattghu flimkien, Toornstra kien mexa tajjeb maghhom tant li anke kellhom konversazzjoni bejniethom dwar kif setgha jkollu aktar viziti. Dettal mhux traskurabbli sabiex wiehed jifhem il-perspettiva ta’ l-esponent f’dak il-mument kien li sahansitra anke d-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin awtorizza lil Toornstra jaghmel vizita gewwa lukanda fil-Qawra fejn kienu alloggjati il-familjari tieghu. Certament ma kienx prevedibbli li proprju mal-wasla taghhom fil-vicinanzi tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin kien ser jahrab mill-vettura taghhom.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, dan ir-reat huwa kwalifikat bl-artikolu 160 li jghid hekk:

> *“Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 151 sal-159 inkluzivament ighoddu fil-kaz ta’ harba ta’ persuni, mizmuma skont il-ligi, minn lok mahtur ghall-kustodja taghhom.”*

Illi irrizulta mix-xhieda kollha, inkluz mix-xiehda ta’ Perry Ingomar Toornstra, li l-prigunier harab mill-vettura qabel ma dina dahlet fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin, u cioe` qabel ma kien gewwa “lok mahtur ghall-kustodja” tieghu. Ghalhekk dan ir-reat ma setgha qatt jirrizulta.

Illi ghalhekk, dan ir-reat ma jirrizultax la fattwalment u lanqas legalment u l-esponent kellu jigi minnu lliberat ukoll.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti

setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-appellant kien gie akkuzat li l-harba ta' l-imsemmi prigunier Perry Ingomar Toornstra saret bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hsieb tieghu. L-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju kien indika li hu kiser l-artikolu 153 tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti sabet li dan l-agir tal-appellant kien wiehed ta' imprudenza grossolana. Biex wiehed jasal ghal din il-konkluzjoni hu necessarju li tigi analizzata l-gurnata in kwistjoni. Fl-ewwel lok, il-prigunier Toornstra kien gie awtorizzat li jiltaqa' mal-genituri tieghu f'lukanda. Fil-fatt, l-inkontru sar u kollox mexa harir taht is-sorveljanza tal-appellant u ta' kollega tieghu. Il-prigunier kien gie trasportat hemmhek b'karozza normali u ordinarja. Tant kienet ordinarja din il-karozza li lanqas ma kellha airconditioning. Ghalhekk, meta kien sejjer lura u talab li tinfetah it-tieqa fejn kien hu, ma ghndniex ghalfejn niskantaw ghal tali talba. Il-gurnata in kwistjoni kienet id-9 ta' Awwissu u ma hemm ebda dubju li kienet gurnata shana. Kieku, il-vettura kienet mghammra bl-airconditioning, wiehed seta' jobsor li tali talba ma taghmilx sens. Fil-kaz in ezami, din kienet

talba legittima.  Ghalhekk, minn dan l-aspett din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti.

Iktar minn hekk, l-artikolu 153 tal-Kodici Kriminali hu kkwalifikat bl-artikolu 160 tal-Kodici Kriminali li jindika:
"...fil-kaz ta' harba ta' persuni, mizmuma skont il-ligi, minn lok mahtur ghall-kustodja taghhom."
Mix-xhieda ta' kulhadd inkluza tal-prigunier jirrizulta li l-harba sehhet mill-vettura li hu kien go fiha qabel ma dahlet fil-perimetru tal-habs.  Minn analizi tal-Legislazzjoni sussidjarja 260.02 tal-Kapitolu 260, l-Att dwar il-Habs, tali karozza ma tirrizultax li hu lok mahtur ghall-kustodja tal-prigunieri.

Ghal dawn ir-ragunijiet dan l-aggravju tal-appellant ghandu jigi milqugh.

Illi aggravju iehor li tqajjem hu rigward ir-relazzjoni tal-espert forensiku Dr. Mario Scerri.  L-appellant qed jilmenta li l-espert inkarigat mill-Magistrat Inkwirenti mar oltre l-inkarigu lilu moghti u semgha biss il-qampiena tal-prigunier minghajr ma ta ebda kaz tal-versjoni tal-appellant.  L-ewwel Qorti nkludiet fid-decizjoni taghha u irraportat verbatim il-konkluzjonijiet milqugha mill-espert mediko-legali.  L-ewwel Qorti strahet fuq il-konkluzjonijiet milqugh mill-espert mediko-legali.  Il-feriti li garrab il-prigunier kienu kollha ta' natura hafifa hlief ghall-frattura tad-disa' kustilja fuq in-naha tal-lemin.  L-espert mediko-legali jattribuxxi din il-frattura ghal trauma diretta maghmula minn qiegh ta' zarbun u din il-ferita hi wahda 'per durata'.  L-espert imur oltre u jghid li hemm seje ta' lezjonijiet li huma kompatibbli ma swat.  Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa hawn li l-espert mar oltre.  L-espert kellu jillimita ruhu ghall-ezami tal-feriti.  Hu ma kienx prezenti ghall-incident meritu ta' dan il-kaz u ghalhekk ma setghax jasal ghall-konkluzjoni li dawn kienu swat.  Kien jispetta lill-Qorti li tasal ghal din il-konkluzjoni wara li tisma l-provi kollha mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza u b'hekk il-Qorti tkun tista' taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert.  Wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi mressqa tinnota li ma hemm ebda prova li tavalla t-tezi tas-swat.  Ma hemm ebda dubju li l-kollutazzjoni bejn il-prigunier u l-erba' gwardjani kienet wahda serja u vjolenti, tant li kemm zewg gwardjani kif ukoll il-prigunier spiccaw imwegga'.

Kif intqal hawn fuq hemm marka ta' qiegh ta' zarbun fuq id-dahar ta' Toornstra. Fil-process verbal l-espert, inkarigat appozitament, ezamina l-qiegh taz-zarbun ta' tlett persuni. Meta din il-Qorti rat ir-ritratti ta' dawn it-tlett pari zarbun u rat ukoll ir-ritratti tal-marka taz-zarbun fuq dahar Toornstra, hu evidenti li l-marka taz-zarbun fuq id-dahar ta' Toornstra ma taqbilx ma ebda wahda mit-tlett pari l-ohra. Ta' dan zgur li mhemmx il-htiega li jitqabbad espert billi r-ritratti huma cari hafna. Ghalhekk, hu evidenti li l-appellant mhuwiex responsabbli tal-ksur tal-kustilja tal-prigunier. Dan hu konfermat mill-ewwel Qorti wkoll.

Illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-appellant hu komplici fir-reat ta' ferita gravi 'per durata' a tenur tal-artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali. Minn analizi ta' dan l-artikolu tal-ligi jirrizulta li persuna titqies komplici f'delitt jekk hija:
"tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt..."
(it-tieni parti tas-subinciz (e) mhiex rilevanti ghal dan il-kaz)
Hawnhekk, l-appellant indika lil din il-Qorti l-insenjamenti tal-Professur Mamo in materja u hu evidenti li dan l-artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali ma japplikax hawnhekk. Din il-Qorti ser ticcita parti zghira minn tali insenjament li tifforma wkoll parti mir-rikors tal-appellant.

> "...but above all you cannot conceivably order or instigate or incite a man to commit an offence unless you have the intention that it shall be committed: you cannot strenghten the resolution which another man has to commit an offence or give instructions as to how best another should commit an offence, unless you are aware that that offence is contemplated and you yourself desire that it be committed"

Biex dan is-subinciz tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali jigi applikat irid ikun hemm il-prova necessarja kif indikata mill-Professur Mamo. Minn analizi tal-provi kollha prodotti ma jirrizulta min imkien li hemm xi prova li tavalla t-tezi ghall-applikazzjoni tal-artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk anki bl-argumenti tad-difensur tal-appellant dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

Dak li jirrizulta mill-provi hu li Perry Ingomar Toornstra harab, gie arrestat ftit boghod mill-pjazza ta' Rahal Gdid, li hi biswit il-Facilita' Korrettiva. Li l-arrest tieghu kien wiehed vjolenti. Li tali vjolenza baqghet ghadejja sakemm niezel mill-karozza fil-bitha tal-habs u spiccat fl-intrata tal-bini tal-blokk l-antik ta' l-habs.

Illi l-appellant gie misjub hati li hu nfligga ugiegh jew tbatija gravi fuq il-persuna ta' Perry Ingomar Toornstra. Ma hemm ebda dubju li l-arrest ta' din il-persuna wara li hu harab mill-vettura li kienet qed twasslu lura l-habs kienet wahda kemmxejn movimentata li halliet tlieta min-nies feruti. Ma hemm ebda dubju li l-gwardjani li marru biex jarrestaw lill-prigunier li harab uzaw certa forza. Jirrizulta mill-provi li l-prigunier ma kienx bi hsiebu jaghti ruhu f'idejn il-gwardjani li min-naha taghhom kellhom juza certa forza anki zejda fuq il-prigunier minhabba l-istruttura fizika tieghu. Izda li tghid li dan il-prigunier gie ttorturat irid ikun provi li juru dan. Wiehed jista' jargumenta li l-ksur tal-kustilja hu prova ta' dan izda hawnhekk jinqala dubju. Il-ksur kien konsegwenza tas-sahha li ntuzat fuq il-persuna tal-prigunier jew kienet haga gratwita li hekk ogghobha taghmel persuna li baqghet mhux maghrufa.

Illi in sostenn tal-argument li l-appellant ittortura lill-prigunier, dejjem skont l-artikolu 139A tal-Kodici Kriminali, l-abbli prosekutrici ccitat sentenza tal-Qorti Ewrpoeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem pronunzjata fis-27 ta' Gunju, 2000, fl-ismijiet "Ilhan v. Turkey". F'dan il-kaz verament hemm elemneti serji ta' tortura fuq persuna mill-pulizija torka waqt l-arrest ta' din il-persuna. Kosegwenza ta' dan l-agir din il-persuna spiccat b'debilta' permanenti. Dan hu kaz estrem li ma jsib ebda konfort fil-fatti ta' dan il-kaz. Ghalhekk, il-konkluzjonijiet milhuqa f'dak il-kaz ma jistgghux isibu l-istess ezitu f'dan il-kaz.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: "Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija u Suprintendent Carmelo Bonello" deciza fil-5 ta' April, 1991 kemm dan il-bran li qed jigi riprodott:

> "...It-tortura tikkostitwixxi forma aggravata u intenzjonata ta' trattament inuman u degradanti. Biex trattament determinat jaqa' taht il-komminazzjoni tad-dispozizzjonijiet kontenuti fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jehtieg li jlahhaq certu grad ta' gravita'. Dan il-grad m'ghandhux jitkejjel a bazi ta' l-effett li tali trattament jista' jkollu fl-astratt fuq persuna medja normali, izda minflok, a bazi ta' l-effett li fil-fatt kellu dak it-trattament partikolari fuq il-persuna partikolari li tkun giet assoggetta ghalih. Ghalhekk, is-sess, l-eta', l-istat ta' sahha, l-inkapacitajiet u fatturi varjabbli ohra li jaghmlu persuna dak li effettivament hi ghandhom jinghataw id-debita mportanza."

Fuq l-insenjament ta' din is-sentenza hu car li f'dan il-kaz partikolari ma jistax jigi riskontrat li l-appellant infliggja ugiegh jew tbatija gravi fuq il-persuna hawn fuq imsemmija a tunur tal-artikolu 139A tal-Kodici Kriminali.

Hawnhekk, il-Qorti qed taghmel referenza ghall-argumenti migjuba fir-rikors tal-appell u biex tigi evitata ripetizzjoni qed taghmel taghha dawk l-istess konsiderazzjonijiet. Ghalhekk, dan l-aggravju tal-appellant ghandu jigi milqugh.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Pery Ingomar Toornstra kellu jigi mrazzan sew biex jerga jigi maqbud mill-appellant u it-tlett kollegi l-ohra. Mhemmx dubju li ntuzat certa forza fuq il-persuna tal-prigunier u minn analizi tal-feriti li garrab johrog car li l-forza li ntuzat minnhom 'lkoll ma kinitx konsona biex jitrazzan il-prigunier. Realment, meta wiehed janalizza r-rapport tal-espert mediko-legali jirrizulta li certi feriti huma kompatibbli ma kollutazzjoni biex il-prigunier jitrazzan, fil-waqt li ohrajn jidher li saru fil-koncitazzjoni tal-glieda li ma kienux intizi biss biex jitrazzan il-prigunier. Dan jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-prigunier fejn hu identifika lill-appellant u lit-tlett kollegi tieghu bhala l-persuni li kkawzaw il-feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati taz-zewg kontravenzjonijiet dedotti skont l-artikoli 339(1)(e) u 339(1)(l) tal-Kodici Kriminali. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, skont l-artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali, u tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu u ghalhekk tiddijarah mhux hati ta' dawn l-akkuzi u tilliberah mill-istess akkuzi. Issibu hati li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Perry Ingomar Toornstra li bhala ufficjal pubbliku kellu jissorvelja biex ma jsirux u li kellu d-dmir li jimpedixxi. Rat l-artikoli 221(1) u 141 tal-Kodici Kriminali. Tikkundannah ghal piena ta' sitt xhur prigunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u tordna li tali piena ma ghandhiex isehh hlief jekk l-akkuzat jikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u tordna lill-akkuzat li jhallas is-somma ta' elf mitejn

u wiehed u sebghin euro u disgha u hamsin centesimu (€1,271.59) spejjez inkorsi fil-hatra ta' periti fi zmien xahar mil-lum.